

Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7179/26

ENER 117
ENV 212
TRANS 137
ECOFIN 313
RECH 114

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1523 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'10.3.2026 bi gwida prattika dwar is-servizzi ta' punti uniċi ta' servizz għall- effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1523 final.

Mehmuż: C(2026) 1523 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2026
C(2026) 1523 final

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'10.3.2026

bi gwida prattika dwar is-servizzi ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'10.3.2026

bi gwida prattika dwar is-servizzi ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, inaqx fid-dritt tal-Unjoni l-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha, sa mhux aktar tard mill-2050, u jistipula impenn vinkolanti u domestiku tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'tal-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030.
- (2) Is-settur tal-bini jirrappreżenta madwar 40 % tal-użu tal-enerġija fl-Unjoni u aktar minn terz tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-enerġija. Għalhekk, ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-istokk tal-bini għandha rwol fundamentali fil-kisba tal-oġettivi tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, li teħtieġ kemm l-irduppar tar-rati ta' rinnovazzjoni (bħalissa madwar 1 %) kif ukoll żieda sostanzjali fil-profondità tar-rinnovazzjoni (jiġifieri twassal għal iffrankar sostanzjali fl-enerġija) biex jinkiseb stokk tal-bini kompletament dekarbonizzat sal-2050.
- (3) Il-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli ("il-pjan ta' azzjoni")², adottat fis-26 ta' Frar 2025 bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa³, jinkludi azzjonijiet ewlenin biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi, u biex jgħin fil-bini ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina li twassal għall-kompetittività, is-sigurtà, id-dekarbonizzazzjoni u tiżgura li ħadd ma jitħalla lura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Il-pjan ta' azzjoni huwa bbażat fuq erba' pilastri u tmien azzjonijiet ewlenin, inkluża azzjoni ddedikata għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija, filwaqt li jenfasizza r-rwol tal-effiċjenza enerġetika bħala kontributor ewleni għall-enerġija affordabbli, għad-dekarbonizzazzjoni u għall-kompetittività industrijali. Biex tavvanza l-effiċjenza

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), (*ĠUL 243, 9.7.2021, p. 1*).

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha", COM/2025/79 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0079>

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" COM(2025) 85 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0085>

enerġetika, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-atturi tas-suq u lill-istituzzjonijiet finanzjarji fit-trawwim ta' suq uniku għall-effiċjenza enerġetika.

- (4) Il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan REPowerEU ta' Mejju 2022⁴, segwita mill-Pjan Direzzjonali REPowerEU lejn it-tmiem tal-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja⁵ u l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament dwar it-tneħħija gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja u t-titjib tal-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija⁶ enfasizzaw l-importanza tal-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, kif ukoll tiġi pprovduta l-enerġija affordabbli u sostenibbli lil kulħadd. Aktar minn nofs il-konsum tal-gass fl-Ewropa huwa destinat għall-bini, li jfisser li dan għandu rwol kruċjali fis-sigurtà u l-indipendenza tal-enerġija tal-Ewropa.
- (5) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) (riformulazzjoni tal-EED)⁷ tistabbilixxi mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis ta' 11,7 % fil-konsum tal-enerġija primarja u finali sal-2030. Dan jgħolli b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni għall-2030 f'termini ta' effiċjenza enerġetika, inkluż il-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika u l-appoġġ biex tingħata s-setgħa u tingħata assistenza lill-popli fit-tranżizzjoni enerġetika.
- (6) Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni) (riformulazzjoni tal-EPBD)⁸ tipprovdi firxa ta' miżuri li se jgħinu biex tingħata spinta b'mod strutturali lir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u li jħeġġu lill-Istati Membri jistabbilixxu qafas abilitanti komprensiv permezz ta' għodod konsultattivi u strumenti ta' assistenza aċċessibbli u trasparenti bħal punti uniċi ta' servizz.
- (7) L-adozzjoni ta' rinnovazzjonijiet profondi⁹, b'mod partikolari dawk li jinvolvu titjib komprensiv tal-iżolazzjoni termika tal-bini, kenet limitata minkejja r-rwol kruċjali tagħhom fil-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Il-Pjan REPowerEU", COM/2022/230 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2022%3A230%3AFIN&qid=1653033742483>

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Pjan direzzjonali lejn tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa", COM/2025/440 final/2, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0440R%2801%29&qid=1747125158211>

⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu, it-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938, COM/2025/828 final, 2025/0180(COD), <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025PC0828&qid=1750669110360>

⁷ Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1), ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj?locale=mt>

⁸ Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/1275, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj>

⁹ Skont l-Artikolu 2(20) tar-riformulazzjoni tal-EPBD, "rinnovazzjoni profonda" tfisser rinnovazzjoni konformi mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", li tiffoka fuq elementi essenzjali tal-bini u li tittrasforma binja jew unità ta' bini: (a) qabel l-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'użu ta' kważi zero enerġija; (b) mill-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'emissjonijiet zero". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 17(16) tal-EPBD, "l-Istati Membri għandhom jinċentivaw rinnovazzjoni profonda u rinnovazzjoni profonda fi stadji b'appoġġ finanzjarju, fiskali, amministrattiv u tekniku ogħla. Fejn ma jkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli li bini jiġi ttrasformat f'bini b'emissjonijiet zero,

- (8) Il-politiki pubbliċi attwali jindirizzaw in-naħa tad-domanda primarjament permezz ta' rekwiżiti regolatorji, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, sussidji pubbliċi, inċentivi fiskali, u finanzjament preferenzjali, li s'issa wrew li mhumiex biżżejjed għall-promozzjoni ta' rinnovazzjonijiet medji u profondi fuq l-iskala meħtieġa, għalkemm appoġġaw titjib bażiku fl-effiċjenza enerġetika.
- (9) L-Artikolu 30 tar-riformulazzjoni tal-EED (UE/2023/1791) u l-Artikolu 17 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275) jirrikonoxxu l-ħtieġa li jintuża appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat biex jiġu mmobilizzati investimenti f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika u rinnovazzjonijiet tal-enerġija biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 u l-oġettivi tar-rinnovazzjoni tal-bini u sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. L-Artikolu 17 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275) jispeċifika wkoll li l-inċentivi finanzjarji għandhom jimmiraw, bħala prijorità, lejn unitajiet domestiċi vulnerabbli, persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275), il-konformità mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandha tiġi appoġġata permezz ta' assistenza teknika u skemi ta' finanzjament integrati li jipprovdu inċentivi għal rinnovazzjonijiet profondi u rinnovazzjonijiet profondi fi stadji, kif ukoll miżuri biex jitneħħew l-ostakli mhux ekonomiċi.
- (10) L-Artikolu 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika¹⁰ jhegġegħ lill-Istati Membri jimmobilizzaw appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u jipprovdu inċentivi għal investimenti privati f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, ikkumplimentati minn pariri lill-konsumaturi biex jimmaniġġjaw aħjar l-użu tal-enerġija tagħhom u biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-iffrankar tal-enerġija.
- (11) Sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi, huwa importanti li jiġu mmobilizzati aktar l-investimenti kapitali privati u li jitnaqqas id-distakk fl-investment. L-inkoraġġiment tad-domanda tas-suq għall-effiċjenza enerġetika u għar-rinnovazzjonijiet tal-bini huwa kruċjali biex jiġu attirati aktar negozji u investituri fis-settur tal-effiċjenza enerġetika.
- (12) Id-domanda baxxa għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija u għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari r-rinnovazzjonijiet medji u profondi, tirrappreżenta ostaklu kritiku biex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE dwar l-enerġija nadifa u l-effiċjenza enerġetika.
- (13) L-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz li jipprovdu informazzjoni kif ukoll assistenza konkreta liċ-ċittadini matul il-vjaġġ ta' rinnovazzjoni huwa għalhekk kruċjali għall-attivazzjoni u għall-aggregazzjoni tad-domanda għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fir-rinnovazzjoni tal-enerġija.
- (14) L-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari dawk b'introjtu baxx u dawk vulnerabbli, jiffaċċjaw restrizzjonijiet sinifikanti fil-kapaċità ta' rinnovazzjoni tagħhom. Dawk ir-restrizzjonijiet jinkludu prijoritajiet kunfliġġenti fir-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin jew fil-kuntest tal-koproprjetajiet, proċessi kumplessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, nuqqas

rinnovazzjoni li tirriżulta fi tnaqqis ta' mill-inqas 60 % fl-użu tal-enerġija primarja għandha titqies li hija rinnovazzjoni profonda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.”

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022/C 243/04), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2022_243_R_0004

ta' ħin, għarfien u riżorsi finanzjarji, u diffikultà biex jiġu aċċessati pariri u strumenti finanzjarji mfassla apposta.

- (15) L-inkwilini ta' spiss jirrinunzjaw il-benefiċċji mir-rinnovazzjonijiet minħabba inċentivi maqsuma: sidien il-kera huma responsabbli għall-ammeljoramenti iżda ma għandhomx wisq motivazzjoni biex jinvestu, minħabba li huma l-inkwilini, mhux sidien il-kera, li normalment igawdu l-benefiċċji ta' kontijiet tal-enerġija aktar baxxi u kundizzjonijiet tal-għajxien imtejba. L-inċertezza f'kuntratti ta' kiri fit-tul tiskoraġġixxi wkoll lil sidien il-kera milli jagħmlu ammeljoramenti li jiswew ħafna flus. Il-promozzjoni tal-fiduċja u t-tnaqqis tal-assimetriji fl-informazzjoni permezz ta' komunikazzjoni ċara, servizzi ta' konsulenza indipendenti, kuntratturi affidabbli, komunitajiet tal-enerġija u inizjattivi oħra mmexxija miċ-ċittadini jistgħu jgħinu fl-allinjament tal-interessi ta' bejn l-inkwilini u sidien il-kera.
- (16) Il-ħafna benefiċċji ta' proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv minn difetti fil-kwalità (pereżempju, materjali ta' kwalità baxxa, installazzjoni mhux xierqa) u nuqqas ta' koordinazzjoni bejn in-negozji involuti jew fl-ordni tal-passi ta' rinnovazzjoni, li jwasslu biex il-konsum jew il-kostijiet ikunu effettivament ogħla milli mistenni, jew min-naħa l-oħra fuq rinnovazzjonijiet li ma humiex daqstant durabbli.
- (17) Il-punti uniċi ta' servizz huma rikonoxxuti bħala għodda kruċjali għat-tneħħija tal-ostakli msemmija hawn fuq għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini u biex ir-rinnovazzjonijiet isiru aktar faċli b'mod ġenerali. Dawn jissimplifikaw fil-prattika l-aċċess għall-għarfien espert, għall-pariri u għall-kumpaniji ta' rinnovazzjoni u finanzjament. Diġà ġew stabbiliti b'suċċess punti uniċi ta' servizz f'diversi Stati Membri u dawn se jilħqu udjenza akbar wara l-implimentazzjoni tal-Artikolu 18 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275) u l-Artikolu 22 tar-riformulazzjoni tal-EED (UE/2023/1791).
- (18) Għalhekk, it-tixrid mifrux ta' networks ta' punti uniċi ta' servizz fil-livell nazzjonali u dak lokali huwa mod kif tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, u b'hekk jiġi żgurat li daww il-politiki jagħtu riżultati u li l-individwi u n-negozji jiġu appoġġati b'mod adegwat.
- (19) Min-naħa l-oħra, il-punti uniċi ta' servizz jista' jkollhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-effiċjenza enerġetika fl-unitajiet domestiċi, fl-intrapriżi u fis-setturi tas-servizzi, b'mod partikolari fl-intrapriżi ż-żgħar u fil-mikrointrapriżi, u b'hekk jgħinu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija u biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-intrapriżi tal-UE, filwaqt li jiġu appoġġati l-oġettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.
- (20) Bħal fil-każ tas-sidien tad-djar, l-intrapriżi ż-żgħar u l-mikrointrapriżi spiss ma jkollhomx il-kapaċità teknika u l-għarfien espert finanzjarju biex ifasslu u jimplementaw miżuri għall-effiċjenza enerġetika. Dawn jistgħu jeħtieġu għajjnuna għall-aċċess ta' inċentivi pubbliċi disponibbli u offerti ta' finanzjament privat. B'mod ġenerali, huma jkunu jibbenefikaw minn pariri u appoġġ imfassla apposta biex jibnu l-għarfien, iżidu s-sensibilizzazzjoni u jnavigaw id-deċiżjonijiet tekniċi, finanzjarji u amministrattivi li jeħtieġ li jittieħdu biex jitfasslu u jiġu implimentati proġetti tal-effiċjenza enerġetika.
- (21) Il-punti uniċi ta' servizz jistgħu jaqdu diversi funzjonijiet lil hinn mill-għoti ta' pariri tekniċi, amministrattivi u finanzjarji dwar l-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-bini. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll lill-klijenti u lill-utenti finali b'informazzjoni u b'dettalji ta' kuntatt dwar punti ta' kuntatt iddedikati li jistgħu jgħinuhom jifhmu d-

drittijiet tagħhom, il-liġijiet rilevanti u l-mekkaniżmi disponibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim. Dawn jistgħu joffru servizzi ddedikati għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, għall-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u għall-persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx¹¹.

- (22) FI-2024, kien hemm Panel dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċittadini Ewropej li ppreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni li jenfasizzaw ir-rwol ewlieni tal-punti uniċi ta' servizz u tas-servizzi ta' konsulenza dwar it-titjib fl-effiċjenza enerġetika¹².
- (23) L-Artikolu 22(4) tar-riformulazzjoni tal-EED (UE/2023/1791) jirrikjedi li l-Istati Membri joħolqu punti uniċi ta' servizz jew mekkaniżmi simili biex jipprovdu pariri u assistenza tekniċi, amministrattivi u finanzjarji dwar l-effiċjenza enerġetika lill-klijenti finali u lill-utenti finali, speċjalment l-utenti f'unitajiet domestiċi u daww għar iżda mhux f'unitajiet domestiċi, inklużi intrapriżi għar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) u mikrointrapriżi. L-Artikolu 22(6) tar-riformulazzjoni tal-EED (UE/2023/1791) jirrikjedi li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri b'linji gwida biex jiżviluppaw daww il-punti uniċi ta' servizz bil-għan li jinholq approċċ armonizzat madwar l-Unjoni. Il-linji gwida msemmija f'dik id-dispożizzjoni huma maħsuba biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn il-korpi pubbliċi, l-aġenziji tal-enerġija u l-inizjattivi mmexxija mill-komunità.
- (24) Il-linji gwida dettaljati pprovdu fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni juru s-servizzi, il-mudelli, l-istrutturi ta' governanza u l-esperjenzi eżistenti ta' punti uniċi ta' servizz madwar l-UE, bil-għan li jippromwovu l-aħjar prattiki u approċċi komuni b'suċċess madwar l-UE. Il-linji gwida dettaljati u din ir-Rakkomandazzjoni jenfasizzaw il-kompitu ewlieni li jinstabu servizzi ta' punti uniċi ta' servizz fil-kuntast lokali u kulturali, jagħmlu l-aħjar użu mill-kooperazzjoni mal-korpi pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali u mal-aġenziji tal-enerġija.
- (25) Il-linji gwida dettaljati jenfasizzaw ukoll il-kontribut pożittiv tal-komunità tal-enerġija jew tal-inizjattivi mmexxija miċ-ċittadini u daww kummerċjali, li jista' jkollhom impatt sinifikanti minbarra l-inizjattivi mmexxija mill-pubbliku.
- (26) Skont l-Artikolu 18(1) tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275), l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment u t-tħaddim ta' faċilitajiet ta' assistenza teknika, inkluż permezz ta' punti uniċi ta' servizz inklużivi għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, immirati lejn l-atturi kollha involuti fir-rinnovazzjonijiet tal-bini, fost l-oħrajn, is-sidien tad-djar u l-atturi amministrattivi, finanzjarji u ekonomiċi, bħall-SMEs, inkluż il-mikrointrapriżi. Dan għandu jsir f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, u, fejn xieraq, mal-partijiet ikkonċernati privati.
- (27) Fil-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini (NBRPs, national building renovation plans) tagħhom, bħala parti mill-ħarsa ġenerali lejn il-politiki u l-miżuri pplanati u implimentati, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw dwar il-ħolqien ta' punti

¹¹ Il-punti uniċi ta' kuntatt jistgħu jkunu parti minn punti ġenerali ta' informazzjoni għall-konsumatur u jipprovdu informazzjoni dwar id-drittijiet, il-liġi applikabbli u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim disponibbli għall-konsumaturi fil-każ ta' tilwim, inkluż mhux biss l-effiċjenza enerġetika iżda wkoll appoġġ għall-konsumaturi tal-gass naturali, inkluż dwar it-tneħħija gradwali tal-gass, pariri dwar għażliet ta' tisħin sostenibbli u aċċess għall-enerġija rinnovabbli jew l-istabbiliment ta' komunità tal-enerġija.

¹² Ir-Rakkomandazzjonijiet Finali, Panel dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċittadini Ewropej, https://citizens.ec.europa.eu/european-citizens-panels/energy-efficiency-panel_mt

uniċi ta' servizz jew mekkaniżmi simili għall-għoti ta' pariri u assistenza tekniċi, amministrattivi u finanzjarji skont l-Artikolu 18 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275).

- (28) Għodod oħra stabbiliti fir-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275) huma mmirati sabiex jagħmlu r-rinnovazzjonijiet aktar sempliċi u jiżguraw li s-sidien tal-bini jirċievu informazzjoni affidabbli dwar l-aktar soluzzjonijiet kosteffettivi adattati għall-ispeċifitajiet tal-bini tagħhom u għall-ħtiġijiet tagħhom. Skont l-Artikolu 12 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi nazzjonali ta' passaport ta' rinnovazzjoni tal-bini sal-2026 biex jiggwidaw lis-sidien tal-bini fir-rinnovazzjonijiet tagħhom fi stadji lejn bini b'emissjonijiet żero. Skont l-Artikolu 19 tar-riformulazzjoni tal-EPBD (UE/2024/1275), iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ("EPCs", energy performance certificates) għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet għat-titjib kosteffettiv tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini. L-Artikolu 19 jirrikjedi wkoll li s-sidien ta' binjiet bi klassi tal-EPC baxxa ħafna jiġu mistiedna lejn punt uniku ta' servizz.
- (29) Skont l-Artikolu 30(2) tar-riformulazzjoni tal-EED (UE/2023/1791), il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-faċilitajiet eżistenti ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali bil-għan li jżied l-investment fl-effiċjenza enerġetika. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovi assistenza, fost affarijiet oħra, għall-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz sabiex jiġu appoġġati l-interventi tal-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjonijiet tal-enerġija bħala parti mis-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u l-Faċilità ta' Assistenza Ewropea għall-Enerġija lokali (ELENA, European Local Energy Assistance), jew faċilitajiet/inizjattivi ta' assistenza teknika disponibbli oħra.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Meta jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet biex jistabbilixxu punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, l-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu l-gwida Prattika fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, 10.3.2026

*Għall-Kummissjoni
Dan Jørgensen
Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kullegġjalitá
KUMMISSJONI EWROPEA